MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 557/2007

**Il-Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Joanne Sciberras**

Kumpilazzjoni Nru: 557/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija;

Joanne Sciberras ta' 28 sena, bint Luciano u Licia nee' Falzon, imwielda Attard, fl-20 ta' Lulju, 1978 u li toqghod f'Casa Madonnina, Triq il-Kurkanta, Zebbug, u detentrici tal-karta ta' l-Identita' bin-numru: 388178M.

Akkuzata talli f'Awissu, 2006 u fil-granet u x-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga' b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn LM1000.00 ghad-dannu ta' Emanuel Vella detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 514264 (M).

U aktar talli appropjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' approprjat ruhha minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm1,000 liema flejjes jappartjenu lil Emanuel Vella detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 514264(M), u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat l-artikoli 293, 294, 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta allegazzjoni ta' frodi u misapproprazzjoni perpetrati mill-imputata a dannu ta' certu Emanuel Vella.

Illi fid-depozizzjoni tieghu Emanuel Vella qal li fis-sena 2006 l-imputata kienet avvicinatu biex isellifha Lm18,600; hu jghid li hu u l-imputata kienu ilhom jafu lil xulxin peress li kienu imparentati u l-imputata kienet taf li huwa kien ghadu kif biegh propjeta u konsegwentement kien ghadu kif dahhal somma flus. Vella qal ukoll li l-imputata qaltlu li hija kellha bzonn il-flus biex thallas xi merkanzija li kienet ser tircievi in konnessjoni man-negozju taghha.

Illi Vella jghid li l-ewwel ghadda l-ammont ta' hames telef liri Maltin (Lm5,000) fi flus kontanti, dan fil-prezenza ta' certa Maria Jenkins. Wara xi jumejn hareg cheque ghall-ammont ta' tlettax il-elf liri Maltin (Lm13,000); dan ic-cheque huwa datat 28 ta' Awissu 2006. Huwa jispjega li wara ftit granet l-imputat talbietu aktar flus u cioe l-ammonti ta' elf u tlett elef liri Maltin rispettivament u qaltlu li hija kienet ser tircievi l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf liri Maltin fi ftit granet u b'dan l-ammont hija kienet tissalda id-dejn kollu li kien ser ikollha mieghu. Vella fil-fatt ta zewg cekkjiet lill-imputata ghall-ammonti hawn imsemmija pero insista maghha li ma kellhiex issarraf dawn ic-cekkijiet ghaliex ma kellux bizzejjed flus fil-kont.

Illi Vella kompla jispjega li huwa insista ma' l-imputata li hija kellha thallsu fi zmien qasir peress li huwa kien ghamel konvenju biex jixtri post u kellu bzonn il-flus ghal din it-transazzjoni; huwa spjega ukoll li dan l-akkwist kien ser ikoprih bil-flus li kellha tirrifondih l-imputata kif ukoll permezz ta' self mill-bank. Fil-15 ta' Settembru 2006 il-partijiet iffirmaw kostituzzjoni ta' debietu fejn gie dikjarat li l-imputata kienet debitrici ta' Vella f'l-ammont ta' Lm18,670 u li dan l-ammont kien ser jithallas fi zmien tlett ijiem.

Illi f'tentattiv biex l-verzjoni mghotija minn Vella tigi korroborata ingiebet bhala xhud Maria Jenkins; din xehedet darbtejn l-ewwel darba fit-28 ta' April 2007 bhala

xhud tal-prosekuzzjoni u mbaghad fit-30 ta' Marzu 2009 bhala xhud tad-difeza. Kif jirrizulta minn qari ta' dawn iz-zewg depozizzjonijiet Maria Jenkins biddlet il-verzjoni taghha u allegat li l-ewwel verzjoni kienet inveritjiera u li l-ewwel verzjoni tagha kienet rizultat ta' pressjoni ezercietata minn Emanuel Vella. Hija fil-fatt fit-tieni depozizjzoni taghha cahedet li Vella kien ta lill-imputata s-somma ta' hames telef lira Maltija fi flus kontanti qabel ma taha ic-cekk ghall-ammont ta' tlettax il-elf lira(Lm13,000). F'l-ewwel depozizzjoni taghha Jenkins kienet allegat li meta l-imputata talbet il-flus lil Vella hija kienet qalet li ridiethom ghan-negozju taghha; fit-tieni depozizzjoni taghha ma tghid xejn dwar dan.

Illi l-imputata xehedet ukoll. Hija tammetti li ssellfet l-ammont ta' tlettax il-elf lira (Lm13,000) permezz ta' cheque pero tichad li Vella taha s-somma ta' hames telef lira (Lm5,000) fi flus kontanti. Hija tallega li lil Vella qaltlu li l-flus kellha bzonnhom minhabba problemi finanzjarji. Dwar iz-zewg cekkijiet ta' elf u tlett elef lira rispettivament waqt id-depozizjzoni taghha l-imputata ma qalet xejn.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma dawk ta' frodi jew truffa innominata u misappropjazzjoni.

Illi biex jissussistu l-ewwel zewg reati huwa mehtieg li jigi pruvat li gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq li jwasslu lill-vittma biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibihilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent.

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubju li fil-kaz in ezami Emanuel Vella soffra telf patrimonjali (ta' tlettax il-elf lira Maltija pero u mhux kif jallega hu ta' tmintax il-elf lira) bil-konsegwenti qliegh ghall-imputata. Pero dan mhux bizzejjed biex jissussistu r-reati imsemmija ghaliex irid jigi pruvat ukoll xi forma ta' ingann u qerq da parti ta'l-imputata perpetrati fil-mument li hija talbet il-flus lil Vella. F'dan il-kuntest tassumi importanzi konsiderevoli r-raguni li l-imputata tat lil Vella meta talbietu l-flus.

Illi dwar dan il-parte civile jghid li l-imputata talbietu l-flus ghan-negozju u mhux biex thallas dejn iehor; huwa b'mod partikolari jirreferi ghal merkanzija li l-imputata kienet ser tircievi. Maria Jenkins ghamlet referenza ghal dan il-fatt f'l-ewwel depozizzjoni taghha biss; dak in-nhar hija qalet li l-imputata kienet talbet il-flus lil Vella minhabba in-negozju taghha. L-imputata pero tghid li hi talbet il-flus biex taghmel tajjeb ghall-problemi finanzjarji li kellha tant li f'l-istqarrija taghha semmiet xi persuni li kellha dejn maghhom u li allegatament kien laqqaghha maghhom l-parte civile.

Illi sfortunatament hadd minn dawn it-tlett persuni huwa xhud attendibbli, sahansitra l-eks Spettur Borg jammetti li fil-kors ta' l-investigazzjoni huwa kellu dubbji dwar dak li kien qed jallega mieghu Emanuel Vella; da parti taghha Maria Jenkins skredietat lilha nnifisha.

Illli tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti m'ghandhiex il-konvinzzjoni 'l hemm minn dubbju ragonevoli li l-parte civile ma kienx jaf il-veru mottiv li ghalih l-imputata riedet il-flus konsegwentement lanqas m'hi konvinta li gie perpetrat da parti ta'l-imputata xi forma ta' ingann jew qerq mill-imputata. Fin-nuqqas ta' din il-konvinzjoni ma jistax jinghad li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi .

Illi ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija lanqas it-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' misapproprazzjoni, ma giet pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

Il-Qorti tordna li kopja tad-depozizzjoni ta' Emanuel Vella, u kopja taz-zewg depozizzjonijiet ta' Maria Jenkins tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull azzjoni li jidhirlu opportuna fil-konfront ta' kull wiehed/wahda minn dawn iz-zewg persuni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------